MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta tas-6 ta' Mejju, 2009

Numru. 652/2004

PULIZIJA
SPETTUR ANGELO GAFA’
VS
ALFRED SCICLUNA

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Alfred Scicluna ta’ 54 sena, iben Francis, u Salvina nee’ Debono, imwieled Sliema, fl-10 ta’ Novembru 1949, residenti 305, Fleur De Lys Rd, Birkirkara u detentur tal-Karta ta’ l-Identita’ bin-numru 910649(M).

Illi huwa akkuzat talli f’dawn il-Gzejjer fuq il-Monti ta’ Marsaxlokk u bnadi ohra, fit-18 ta’ Lulju 2004 u fil-granet u fix-xhur ta’ qabel, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiskru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda:

1) Iffalsifika jew biddel, minghajr il-kunsens tas-sid, l-ismijiet il-marki jew sinjali distintivi tax-xoghol tal-mohh jew prodott ta’ industrija jew manifattura, jew xjentement ghamel uzu ta’ sinjali, tabelli jew emblemi li jkun fihom indikazzjoni li jista’ jqarraq lix-xerrej dwar ix-xorta tal-merkanzija, jew bejgh tali merkanzija, jew xjentement qieghed fic-cirkolazzjoni, bejgh jew zamm ghandu ghal bejgh jew importa ghal hsieb ta’ kummerc, merkanzija b’marka, sinjal jew emblema mxebbhin b’qerq u cioe’ accessorji ta’ telefon cellulari tad-ditta Nokia. (Dan bi ksur ta’ l-Artikoli 298(1) (a) (b) (c) (f) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

2) U aktar talli, fl-istess data, lok u cirkostanzi, bi qliegh jew bi skop ta’ kummerc, stampa, immanifattura, idduplika, jew mod iehor ipproduca jew ikkopja, jew biegh, qassam, jew mod iehor offra ghal bejgh jew biex jitqassam, xi artikolu jew xi haga ohra bil-ksur tal-jheddijiet li johorgu mid-drittijiet ta’ l-awtur li jkollha persuna ohra protetti bil-/jew taht il-Ligi ta’ Malta. (Dan bi ksur ta’ l-Artikolu 298 B tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta).

Il- Qorti hija gentilment mitluba sabiex skond id-diskrezzjoni taghha, f’kas ta’ htija, thassar il-licenzja jew inkella tissospendi tali licenzja ghal xi zmien, hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 31 tal- Kap.441 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex il-kaz ta’ htija, barra li tinfliggi il-pieni stabbiliti mil-Ligi, tordna wkoll il-konfiska u d- distruzzjoni ta’ l-oggetti kollha ezebiti.

Il-Qorti hija wkoll gentilment mitluba sabiex f’kaz ta’ htija tikkundanna lill-Alfred Scicluna ghal hlas ta’ spejjes li jkollhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat il-Kunsens ta’ l-Avukat Generali (a fol.5) u dak ta’ l-imputat (a fol.10).

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

Illi mix-xhieda ta’ l-Ispettur Kevin Borg jirrizulta illi l-Pulizija rcivew kwerela illi fuq il-Monti ta’ Marsaxlokk kienu qed jigu negozzjati oggetti imitati tad-ditta Nokia.

Illi ghaldaqstant fl-14 ta’ Lujlu 2004, Pulizija WPS Jeanne Farrugia u PC 344 Philip Vella, sabu lill-imputat li kien qed ibiegh dawn l-oggetti, cioe *covers* ta’ *mobile phones* allegatament tad-ditta Nokia. Dawn kollha gew elevati mill-Pulizija. Illi l-imputat, fl-istqarrija tieghu Dok.KB gharaf lil Pulizija illi kien importa dawn l-oggetti direttament mit-Turkija, minn kumpanija jisimha RAM u li dawn l-oggetti kienu dahlu regolarment mid-Dwana ta’ Malta bhala Dok.KB (a fol.14 u fol.15)

Dr. Peter Fenech (a fol.16 et seq.) ezebixxa l-kwerela Dok.PF (a fol.20) u kkonfermaha. Huwa kkonferma wkoll illi l-oggetti maqbuda gew ivverifikati mal-Head Office tan-Nokia gewwa l-Fillandia illi kkonfermaw illi kienu *counterfeit*.

WPC 95 (a fol.21) ikkonfermat ix-xhieda ta’ l-Ufficjal Prosekutur, gharfet lill-imputat u kkonfermat illi fit-18 ta’ Lujlu, fuq struzzjonijiet ta’ l-Ispettur Borg, kienet marret fuq il-Monti ta’ Marsaxlokk u kienu sabu accessorji tal-marka Nokia fi *stall* ta’ l-imputat. Ikkonfermat l-istqarrija tieghu u

stqarret illi kienu gew elevati sitta u hamsin (56) accessorju ta l-allegat Nokia.

Dr. Sara Galea (a fol.27) ikkonfermat illi fil-21 ta' Lulju 2004 kienet baghtet ritratti tal-kampjuni maqbudha mill-Ufficjal Prosekutur f'dan il-kaz u li gew mghoddija lil Carry Roncol, Manager tan-Nokia Incorporation tal-Fillandia, li kkonfermaw illi l-accessorji maqbudha mill-Pulizija kienu *counterfeit* u ezebit rapport Dok.N (a fol.29 et seq.)

Gorg Agius, fizzjal tad-dwana (a fol.30) ta dettalji tal-proceduri tad-Dwana u ta' *imports* minn *EU country* u *non-EU country*, ikkonferma illi huwa jiccekkja l-*invoice* u ghamel xi domandi lill-importatur.

Fit-tieni xhieda tieghu, Gorg Agius, ezebixxa Dok.DW illi turi r-rilaxx ta' l-oggetti mid-Dwana fit-3 ta' Gunju 2004 u kkonferma illi ma kien hemmx dettalji specifici fuq il-fattura li tindika illi dawn kienu ta' xi ditta specifika bhal Nokia.

Arnold Grima, Ufficjal tad-Dwana, xhed illi s-soltu, l-imputat Scicluna jimporta hwejjeg u li huma, meta jaghmlu spezzjoni tal-merkanzija, jispezzjonaw kampjun tieghu. Meta jkollhom merkanzija ta' ditti specjali fejn jidhlu *intellectual property rights* allura ghandhom lista specifika u jivverifikaw maghha. Muri Dok.DW, Grima kkonferma l-firma tieghu fuqha. Huwa kkonferma illi gie muri l-*invoices* u rrilaxxaw ix-xoghol. Ix-xhud spjega:

*"F'dan il-kas nahseb li ma kienx hemm, ma rajniex, ma rajniex, kieku rajna kieku konnha nghajtulhom u nzommuhom, nzommuhom u nghajtulhom."* (ara fol.61 u fol.62)

PC 344, Christopher Vella, ikkonferma x-xhieda tal-Prosekutur u kkonferma x-xhieda ta' WPC 95.

Hector Piccinino kkonferma Dok.DW

Dr. Peter Fenech, fit-tieni xhieda tieghu, rega' kkonferma l-kwerela Dok.PF u ezebixxa l-*Power of Attorney* Dok.XPF

Alfred Scicluna xhed illi huwa generalment u kwazi esklussivament, jimporta hwejjeg, kien mar it-Turkija u fost il-merkanzija tal-hwejjeg kien iddecieda li jixtri accessorji tal-*mobiles*. Illi dawn gew mghoddija mid-Dwana regolarment u ezebixxa Dok.AS, Dok.AS1 sa Dok.AS16 bhala konferma ta' dana kollu. Ikkonferma l-Qorti illi huwa importa dawn l-accessorji tal-*mobiles* bhala originali u infatti ezebixxa Dok.AS bhala konferma ta' dana kollu mill-persuna li minn ghandha kien xtara.

Ikkonfermat:

Illi ma hemm dubju ta' xejn illi l-oggetti maqbuda mill-Prosekuzzjoni, accessorji tan-Nokia huma infatti *counterfeits* u dana kif jirrizulta minn Dok.N (a fol.29) ghal ragunijiet dettaljati fl-istess dokument. Illi din il-Qorti ma tistax tilqa' dak sollevat mid-Difiza ghal rigward ta' processar normali u legali da parti tad-Dwana fuq din il-konsenja ta' accessorji u dana ghal raguni ewlenija illi ma giex indikat lid-Dwana, fuq il-fatturi, illi l-accessorji tal-*mobiles* kienu infatti tad-ditta Nokia kif jidher minn Dok.AS7, izda kienu semplicement imnizzla bhala *mobile phone acc. (covers)* u **ghaldaqstant il-proceduri tad-Dwana biex jissalvagwardjaw *intellectual property rights* ma gewx attivati**.

Illi, bir-rispett kollu ghal dak sollevat mid-Difiza, Dok.AS ezebit in atti, jikkonstata prova ta' *counterfeit articles* u mhux vice versa, stante li anke prima face, meta wiehed

jezaminah, ma jistax jasal ghal konkluzjoni altru minn hekk meta wiehed jara miktub *in block letters*:

"WE AS AGENTS FOR **ORIGITAL** NOKIA ACCESSORIES AUTHORISE ALFRED **SCICHUNA** OF 305 **FLEVR** DE LYS ROAD **BIKARA** MALTA TO SELL SUCH **TEM**"

Ebda agent tan-Nokia ma kien ser jirrilaxxa tali referenza.

Illi ghal dawn il-motivi l-Qorti ssib lill-imputat hati skond l-akkuza u wara li rat Artikoli 298 (1) (a) (b) (c) (f), 298B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u tikkundannah ghal multa ta' € 1164.69 (ekwivalenti ghal Lm500) li jithallsu fi zmien sitt (6) xhur b'rati mensili.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------